MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 418/2010

**Pulizija**

**v.**

**Luke Vella Petroni**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni (Magistrat Anthony Vella) tas-27 ta' Frar 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija v Luke Vella Petroni li biha dik il-Qorti sabet lill-imputat msemmi hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u cioe' talli fis-27 ta' Dicembru 2007 ghall-habta ta' 20.00pm waqt li kien gewwa Hastings Gardens, il-Belt Valletta:

1. kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied
2. hebb ghall-Aaron Scicluna u kkagunalu ferita ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr Mark Rosso MD

mill-Floriana Health Centre, kif ukoll Dr Alison Micallef MD mill-Casualty Unit ta' l-Isptar Mater Dei
3. minghajr ma darab, hedded bil-gebel, jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom kontra Aaron Scicluna

u poggietu taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikiolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta wara li fissret lill-hati l-effett ta' dak l-Ordni u konsegwenzi jekk jonqos li jhares l-istess Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' sena.

**2.** Rat id-denunzja tal-11 ta' Mejju 2010 maghmula quddiem l-ewwel Qorti mill-Ufficjal tal-Probation Marylyn Attard ai termini tal-artikolu 21 tal-Att VII tal-2002 dwar il-Probation li biha, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess denunzja fosthom diversi nuqqasijiet da parti tal-appellant li joqghod ghall-ordnijiet u ghad-direttivi u struzzjonijiet moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation, attirat l-attenzjoni lill-ewwel Qorti ghall-fatti msemmija fl-istess denunzja sabiex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidrilha xierqa u opportuni.

3. Rat ir-rapporti sussegwenti tal-istess Ufficjal tal-Probation.

**4.** Rat id-decizjoni tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Settembru 2010 fuq id-denunzja msemmija li biha sabet lill-appellant hati li kiser l-ordni ta' probation tas-27 ta' Frar 2008 u estiza fis-16 ta' Jannar 2009 n ttrattat mal-appellant ghar-reati li taghhom kien instab hati fis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-27 ta' Frar 2008 u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

**5.** B'rikors tal-11 ta' Ottubru 2010 Luke Vella Petroni appella mis-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Minorenni tas-16 ta' Marzu 2011 u talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tad-29 ta' Settembru fejn kkundannatu gimgha detenzjoni u tilliberah u fin-nuqqas timponi piena inqas harxa fic-cirkostanzi.

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-paritjiet jittrattaw l-appell.

**7.** Illi l-aggravji tal-appellant jistghu jigu riassunti kif gej:

1. li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellant kien obda l-ordnijiet li kienu inghatawlu biex jissottometti ruhu ghal trattament fl-isptar Monte Carmeli u biex jattendi San Blas u dan minkejja t-trawm li sofra fl-ewwel kaz u ghalkemm waqaf jattendi San Blas minhabba li wara xi gimghat ma felahx aktar;

2. li l-ewwel qorti kellha tara li huwa ma jsofrix piz finanzjarju li gie mghoddi fuq nannuh meta ghal kull konsulta kellu jhallas Euro 50 jew aktar;

3. ir-rapport dwar il-pjan ta' kura tieghu u l-kondizzjonijiet mfassla ghalih ma kienx wiehed oggettiv u naqas isemmi l-aspetti pozittivi.

**8.** Fis-seduta li kellu jigi trattat l-appell tal-appellant l-Avukat Generali eccepixxa n-nullita' tal-appell u dan peress li la l-Kodici Kriminali u lanqas l-Att dwar il-Probatioin ma jispecifika dritt ta' appell minn sentenza wara rapport li jkun sar mill-Probation Officer. Dakinhar giet trattata l-eccezzjoni tal-Avukat Generali u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni tan-nullita' tal-appell b'dan li l-appellant inghata gimgha zmien sabiex jaghmel nota ta' riferenza dwar l-eccezzjoni sollevata bil-visto tal-kontroparti li inghata gimgha zmien biex jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu bil-visto tal-kontroparti.

**9.** Rat in-nota tal-avukat Dr. Anglu Farrugia tat-2 ta' Marzu 2011 li biha ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet P v Patrick Mangion tat-23 ta' Mejju 2001 u rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-istess data li permezz taghha zamm ferm l-eccezzjoni sollevata minnu.

**10.** Illi eventwalment l-appell gie differit ghal-llum ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali.

**11.** L-eccezzjoni tal-Avukat Generali hi fis-sens li l-appell odjern hu irritu u null ghaliex la l-Kodici Kriminali u anqas l-Att dwar il-Probation ma jispecifikaw dritt ta' appell minn decizjoni wara rapport li jkun sar mill-Probation Officer wara Ordni ta' Probation.

**12.** Issa huwa minnu li la l-Kodici Kriminali u anqas l-Att dwar il-Probation ma jipprovdu specifikatament ghal xi dritt ta' appell minn decizjoni fuq denunzja li tkun saret mill-Ufficjal tal-Probation dwar xi ksur tal-kondizzjonijiet ta' Ordni ta' Probation li tkun saret dwar id-denunzjat. Dan wahdu, izda ma hux bizzejjed sabiex jirrendi dik id-decizjoni inappellabbli jekk tali dritt ta' appell xorta jirrizulta minn dispozizzjonijiet ohra tal-ligi.

**13.** F'dan il-kaz, kuntrarjament ghall-kazijiet P v Reuben D'Amato decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kostitwita minn tlett Imhallfin) fid-19 ta' Jannar 2011, id-decizjoni appellata inghatat mhux mill-Qorti Kriminali izda mill-Qorti tal-Minorenni. L-artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni, Kap. 287, jipprovdi li l-Qorti tal-Minorenni ghandha titqies li hi Qorti tal-Magistrati li ghandha jkollha l-istess gurisdizzjoni li l-Qorti tal-Magistrati, bhala qorti ta' gudikatura kriminali u bhala qorti ta' inkjesta (proprjament, istruttorja). Id-decizjoni appellata kjarament inghatat mill-Qorti tal-Minorenni fil-komptenza gudikatrici taghha u ghalhekk, b'effett tal-artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni, ghandha titqies li hi Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali. L-artikolu 413 (1) (a) tal-Kodici Kriminali jipprovdi kif gej:

"413. (1) Jistghu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati –
(a) il-persuna misjuba hatja;"

**14.** Ma hemmx dubbju wkoll li l-appellant gie kundannat ghal gimgha detenzjoni mill-Qorti tal-Minorenni bid-decizjoni taghha appellata in kwantu huwa persuna li kienet misjuba hatja. Il-fatt li l-appellant kien gie misjub hati b'sentenza precedenti tal-Qorti tal-Minoreni ma hi ta' ebda konsegwenza ghall-fini tal-eccezzjoni hawnhekk taht konsiderazzjoni. L-appellant jibqa' certament "persuna

misjuba hatja" kif jghid l-artikolu msemmi tal-Kodici Kriminali u qieghed jappella minn sentenza moghtija fil-konfront tieghu minn qorti li skont il-ligi hi meqjusa Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk, ma ghandux ikun hemm l-icken dubbju li l-appellant ghandu dritt jappella mis-sentenza appellata quddiem din il-Qorti kif previst fl-artikolu 413(1)(a) u 418(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali dwar in-nullita' tal-appell odjern u tordna t-trattazzjoni tal-appell fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------